MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 268/2004/1

**Il-Prim Ministru u d-Direttur Generali tax-Xoghlijiet, u s-Segretarju Permanenti Ewlieni**

**v.**

**Anthony Brincat**

**Il-Qorti:**

**I <u>Preliminari – Is-sentenza appellata</u>**

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenut Anthony Brincat minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Mejju 2006. F'din il-kawza, l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni illi d-decizjoni moghtija fit-23 ta'

Ottubru 2003 mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Brincat v. Direttur Generali tax-Xoghlijiet u s-Segretarju Amministrattiv** hija nulla fuq il-bazi tal-principju ta' *ultra vires* u qeghdin ghalhekk jitolbu illi din id-decizjoni tigi mhassra, revokata u annullata.

2. Is-sentenza appellata hija din:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fl-20 ta' April, 2004, li *in forza* taghha, wara li esponew illi:

"Permezz ta' decizjoni tat-23 ta' Ottubru, 2003 it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji mwaqqaf bl-Att VIII tal-1997 (Kap. 394) iddecieda dwar l-ilment maghmul lilu mill-konvenut billi filwaqt li cahad l-eccezzjonijiet tal-esponenti d-Direttur Generali tax-Xoghlijiet u s-Segretarju Amministrattiv (illum is-Segretarju Permanenti Principali), sab illi l-ilment tar-rikorrent kien gustifikat fil-meritu u rrakkomanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf Lira (Lm1,000) lill-konvenut. Bl-ispejjez kontra l-imsemmija intimati illum atturi. Dan kif jirrizulta wkoll mill-istess decizjoni tat-Tribunal fl-ismijiet *"Anthony Brincat vs Direttur Generali tax-Xogholijiet u s-Segretarju Amministrattiv"* (Rik. Nru 1230/97) tat-23 ta' Ottubru, 2003 li kopja taghha hija hawn unita u mmarkata *"Dok. A"*.

"L-imsemmija decizjoni tat-Tribunal hija *ultra vires* il-poteri tieghu u inghatat bi vjolazzjoni tal-ligi, marret *oltre* l-kompetenza tat-Tribunal, u naqset li tiehu konsiderazzjoni ta' dak li kien rilevanti ghad-decizjoni filwaqt li hadet *in konsiderazzjoni* fatturi rrilevanti, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

"i. Id-decizjoni ma kienitx gustifikata mill-provi li kienu rrizultaw lit-Tribunal billi imkien mill-provi ma rrizulta illi l-konvenut kien issubixxa xi eskluzjoni indebita jew xi preferenza fl-ghoti lilu ta' xi promozzjoni izda d-decizjoni tat-Tribunal hija kollha kemm hi bazata fuq allegata interdizzjoni ingusta mahruga fil-konfront tal-konvenut mill-

Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Illi t-Tribunal ma jgawdi ebda gurisdizzjoni biex jissindaka l-interdizzjonijiet ta' impjegati pubblici li jkunu ghaddejjin proceduri kriminali (bhal ma kien il-kaz tal-konvenut) u wisq inqas ma jgawdi gurisdizzjoni biex jissindaka l-operat tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku u dan specjalment *in vista* tal-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Illi la darba t-Tribunal ma jgawdi ebda gurisdizzjoni skond l-Att VIII tal-1997 (Kap. 394) li jikkostitwih, biex jissindaka l-interdizzjonijiet ta' impjegati pubblici huwa la kellu gurisdizzjoni u lanqas ma seta logikament isib illi kienet saret ingustizzja mal-konvenut fit-termini tal-istess Att li kienet attribwibbli ghall-fatt tal-interdizzjoni.

"ii. Id-decizjoni impunjata hija wkoll *ultra vires* il-poteri tat-Tribunal billi permezz taghha t-Tribunal minghajr ma huwa moghti awtorita` mil-ligi intrometta ruhu fil-mod kif ghandhom isiru l-interdizzjonijiet fl-interess pubbliku ta' impjegati pubblici li jkunu ghaddejjin proceduri kriminali u fl-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

"Peress illi l-esponenti qeghdin jaghmlu din il-kawza sabiex jitolbu l-istharrig gudizzjarju tad-decizjoni tat-Tribunal u d-dikjarazzjoni illi din hija illegali, *ultra vires* u nulla.

"Talbu lill-konvenut ighid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fl-ismijiet *"Anthony Brincat vs Direttur Generali tax-Xogholijiet u s-Segretarju Amministrattiv"* (Rikors 1230/97) tat-23 ta' Ottubru, 2003 hija nulla ghax hija *ultra vires* il-poteri ta' l-imsemmi Tribunal ghar-ragunijiet premessi;

u

"2. Thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni.

"Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* taghha eccepixxa illi:

"1. L-azzjoni attrici hi improponibbli u improsegwibbli *stante* li l-atturi rrinunzjaw ghad-dritt ta' l-impunjattiva galadarba fl-ebda moment fil-proceduri quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma qajmu l-eccezzjoni tal-karenza ta' gurisdizzjoni jew l-eccezzjoni li jekk it-Tribunal jiehu konjizzjoni tal-lanjanzi u/jew jilqa' t-talbiet ta' l-esponenti ikun qed jagixxi *ultra vires* u bi ksur tal-Kostituzzjoni. Allura ma hux legalment permessibbli li titqajjem l-eccezzjoni issa – wara seba' (7) snin li bdew il-proceduri quddiem it-Tribunal, u wara l-konkluzzjoni tal-proceduri quddiem it-Tribunal.

"2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghandu gurisdizzjoni biex jiddetermina kull kaz ta' ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika l-Kapitolu 394, dwar, fost affarijiet ohra, hatret u promozzjonijiet ta' ufficcjali pubblici, inkluz il-kaz ta' ingustizzja li sofra l-esponent.

"3. Din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tissindika l-operat ta' Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghaliex id-decizjoni tat-Tribunal *"naqset li tiehu konsiderazzjoni ta' dak li kien rilevanti ghad-decizjoni filwaqt li hadet in konsiderazzjoni fatturi irrilevanti"* jew ghaliex id-decizjoni tat-Tribunal *"ma kienitx gustifikata mill-provi".*

"4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi mhux minnu li d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tat-23 ta' Ottubru, 2003 *de quo* hija *ultra vires* il-poteri moghtija lilu mil-ligi jew tikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni.

“5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

“Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-20 ta’ Mejju, 2005, li *in forza* tieghu ordnat li jigi allegat il-process tal-kawza fl-ismijiet *“Anthony Brincat vs Direttur Generali tax-Xogholijiet et”* deciz mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzja fit-23 ta’ Ottubru, 2003;

“Rat l-atti tal-process tal-kawza fuq imsemmi;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

“Rat l-affidavits prodotti bhala prova;

“Semghet lid-difensur tal-partijiet;

“Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“Ic-cirkustanzi li waslu ghal dawn il-proceduri johorgu mill-atti tal-kawza quddiem it-Tribunal Ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzja, u, fil-qosor, il-punti rilevanti tal-kaz huma s-segwenti:

“Illi circa fl-1981 il-konvenut gie assenjat doveri mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici ghad-Dipartiment tax-Xoghlijiet ta’ l-Ilma fejn kellu l-kariga ta’ *foreman* (*Assistant Works Technical Officer*) fid-distrett numru 5. Fl-1986 huwa inghata l-grad ta’ *Works Technical Officer* mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici. F’April ta’ l-1987 huwa rega’ ntbaghat lura mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici.

“Illi b’ittra tal-25 ta’ April ta’ l-1988 il-konvenut gie interdett mill-qadi tal-funzjonijiet tieghu fuq bazi ta’ nofs salarju; b’ittra tal-11 ta’ Mejju, 1988 il-konvenut intalab imur il-

Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex jigi investigat fuq frodi, u misapproprjazzjoni ta' fondi pubblici fil-qadi ta' dmirijiet tieghu bhala ufficcjal pubbliku *in konnessjoni* ma' tqeghid ta' kanen ta' l-ilma matul l-1986.

"Fil-fatt fil-21 ta' Gunju, 1989 ittiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut fuq dawn l-akkuzi.

"L-interdizzjoni tal-konvenut tnehhiet f'Lulju ta' l-1990 u dan *nonostante* l-fatt li l-proceduri kriminali fuq imsemmija kienu ghadhom mhux konkluzi. B'sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru, 1997 fl-ismijiet il-*"Pulizija vs Anthony Brincat"* il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabet lill-konvenut mhux hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu u lliberatu minn kull akkuza.

"L-interdizzjoni tal-konvenut saret mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC). Jirrizulta li l-konvenut, bhala ufficcjal pubbliku, jaqa' [sic!] li l-kazijiet ta' dixxipplina li fihom jista' jkun involut, huma regolati bl-Avviz Legali 5 tal-1977 intitolat *"Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku"* (Dawn ir-Regolamenti gew ippubblikati *ai termini* tas-setghat moghtija bl-Artikolu 121 tal-Kostituzzjoni ta' Malta). *Ai termini* ta' dawn ir-Regolamenti, f'kaz li jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' ufficcjali pubblici, r-Regolament 7 tar-Regolamenti tad-Dixxiplina kien jistipula li meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li se jittiehdu passi kriminali kontra xi wiehed mill-impjegati tieghu, il-Kap tad-Dipartiment kellu jirrapporta l-kaz lill-PSC u jaghmel rakkomandazzjoni jekk dak l-ufficjal ghandux ikun interdett jew le. Kopja ta' dan ir-rapport, kienet tintbaghat lis-Segretarju Amministrattiv (illum is-Segretarju Permanenti Ewlieni).

"Wara li jircievi dan ir-rapport, is-Segretarju Amministrattiv kien jibghat il-veduti tieghu fuq il-kaz lill-PSC u jghid jekk fl-opinjoni tieghu, l-ufficjal involut ghandux ikun interdett jew le.

"Min-naha taghha l-PSC wara li tezamina l-opinjonijiet tal-Kap tad-Dipartiment u tas-Segretarju Amministrattiv,

tiddeciedi jekk l-ufficjal involut ghandux ikun interdett jew le. Jekk il-PSC tiddeciedi li l-ufficjal ikun interdett, il-PSC taghmel ir-rakkomandazzjoni taghha lill-Prim Ministru. Meta din ir-rakkomandazzjoni tkun approvata mill-Prim Ministru, din kienet tkun ikkommunikata mill-*Management & Personnel Office* fl-Ufficcju tal-Prim Ministru (MPO) lid-dipartiment koncernat u dan jimxi fuq dik il-komunikazzjoni.

“Fil-kaz tal-konvenut, il-Kap tad-Dipartiment tieghu kien irrakkomanda li hu jigi interdett minhabba l-fatt li l-akkuzi migjuba kontrih kienu relatati direttament max-xoghol tieghu. Min-naha l-ohra l-MPO ma kienx qabel ma’ l-opinjoni tal-Kap tad-Dipartiment li l-konvenut ghandu jigi inerdett. Il-PSC, izda, wara li qieset il-kaz, ghamlet ir-rakkomandazzjoni taghha sabiex il-konvenut ikun interdett. F’Mejju ta’ l-1990, il-Kap tad-Dipartiment tal-konvenut kien irrakkomanda li l-interdezzjoni tigi mnehhija minhabba l-fatt li l-proceduri kriminali kienu qed jiehdu hafna zmien. L-MPO kien qabel mal-opinjoni tal-Kap tad-Dipartiment u kienet saret rakkomandazzjoni biex titnehha l-interdizzjoni. Din l-interdizzjoni fil-fatt giet imnehhija permezz tar-rakkomandazzjoni li giet approvata mill-Prim Ministru fl-4 ta’ Gunju, 1990.

“Tul il-perjodu taz-zmien li fih il-konvenut kien interdett, inhargu sejhiet ghall-promozzjoni, izda l-konvenut, ghalkemm seta’ japplika ghall-promozzjoni *nonostante* li kien interdett, ma’ applikaz ghall-promozzjoni peress li haseb li ufficjal interdett mill-qadi ta’ dmirijietu ma kienx eligibbli li japplika.

“Wara li l-konvenut gie liberat mill-akkuzi dedotti kontrih, hu ressaq ilment quddiem it-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, ghax qies li minhabba l-interdizzjoni ingustifikata li inhareg fil-konfront tieghu, hu tilef l-okkazzjoni ghall-promozzjoni.

“It-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, b’sentenza minnha moghtija fit-23 ta’ Ottubru, 2003, qablet mal-argumenti tal-konvenut, wara li qieset li l-passi ta’ interdizzjoni li ttiehdu fil-konfront tieghu *“kienu wisq*

*severa"*. L-atturi qiesu li din id-decizjoni tat-Tribunal kienet *ultra vires* il-kompetenza taghha, peress li dan it-Tribunal ma jgawdi ebda gurisdizzjoni biex jissendika l-interdizzjoni ta' impjegati pubblici li jkunu ghaddejjin proceduri kriminali. Il-konvenut jissottometti li d-decizjonijiet tat-Tribunal mhux sindikabbli minn dawn il-Qrati, u li, f'kull kaz, id-decizjoni kienet wahda gusta.

"Fil-kuntest tal-ewwel eccezzjoni sollevata, l-Qorti tqis li l-kompetenza ta' Tribunali appositi hija ta' ordni pubbliku, u *nonostante* l-fatt li l-partijiet ma jkunux issollevaw kwistjonijiet ta' kompetenza quddiem it-Tribunal partikolari, dak it-Tribunal ma jigix radikat b'kompetenza li, fil-fatt, ma jkollux. *Kwindi*, din il-Qorti tista', u ghandha, tezamina jekk it-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzja jkunx ecceda s-setghat specjali moghtija lilu b'ligi *ad hoc* (ara, bhala rifless fuq dan, il-kawza "Mizzi vs Cassar et", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru, 1964 u "Azzopardi General Transport Ltd vs Mifsud", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Ottubru, 2005).

"Il-Qorti sejra, fl-ewwel lok, tasserixxi l-gurisdizzjoni taghha li tissindika l-operat tat-Tribunal. Skond l-Att li kkostitwixxa t-Tribunal, mid-decizjonijiet tieghu, li ghandhom in-natura ta' rakkomondazzjonijiet (Artikolu 7(11)), ma jezisti ebda dritt ta' appell, tant li l-Artikolu 7(9)(e) jghid testwalment li d-decizjoni tat-Tribunal hi finali *"and no appeal shall lie therefrom"*.

"Il-Qorti tosserva li dana certament m'ghandux jigi interpretat li jfisser li t-Tribunal m'ghandux obbligi naxxenti mil-ligi u mill-kostituzzjoni u li huma sindikabbli mill-Qrati Ordinarji. Hekk *ad exemplum* l-Artikolu 7(8) jimponi fuq it-tribunal l-obbligi li jaghti lill-partijiet *"a fair hearing within a reasonable time"*; u wkoll l-obbligi tieghu taht l-Art. 9(b).

"Il-Qorti tosserva li dan it-Tribunal, bhala kull Tribunal iehor statutorju kostitwit b'ligi *ad hoc*, huwa soggett ghall-istharrig gudizzjarju bil-ghan li jigi accertat li dana jkun mexa skond il-ligi u fil-limiti tal-ligi u b'hekk ma jkunx ecceda l-kompetenza tieghu emanenti mill-Att kostituttiv l-

istess Tribunal; kif ukoll ghandu jigi sindikat mill-qrati jekk it-Tribunal mexiex skond il-Kostituzzjoni bil-harsien tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

“Il-premess isib il-bazi guridika tieghu fil-gurisprudenza kostanti u assodata li taghti lil qrati ordinarji l-gurisdizzjoni limitata li tissindika decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali, ghall-tlett kategoriji ta’ difetti [a] eccess ta’ gurisdizzjoni, [b] non osservanza ta’ l-istess ligi kostitwita, u [c] non osservanza ta’ xi wiehed mill-principji fundamentali tal-gustizzja – gurisdizzjoni hekk limitata li pero` ma taghmilx il-qrati ordinarja qrati ta’ revizjoni jew addirittura Qrati ta’ Appell; u l-gurisdizzjoni esklusiva konferita *ex lege* lit-Tribunal fil-funzjoni taghha u fl-apprezzament tal-fatti tibqa’ impregudikata.

“Dan kollu hu sancit fl-Art. 124 (10) tal-Kostituzzjoni *in konnessjoni* ma’ awtoritajiet kostitwiti, bhal Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, u ghalhekk *multo magis* l-istess principji japplikaw ghal Tribunal kostitwiti b’ligi *ad hoc*. Il-Kostituzzjoni fl-Artikolu precitat espressament tistitpula:

*Ebda disposizzjoni ta’ din il-Kostituzzjoni illi xi persuna jew awtorita` ma tkunx suggetta ghad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorita` ohra fl-ezercizju ta’ xi funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni <u>ma ghandha tiftiehem bhala li tipprekludi qorti milli tezercita gurisdizzjoni</u> dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorita` tkun <u>qdiet il-funzjonijiet skond din il-Kostizzjoni jew xi ligi ohra</u>.* Artikolu tal-ligi li kjarament jissoggetta lil kull persuna u lil kull Awtorita` li taqdi funzjoni pubblika, ghall-iskrutinju tal-qrati bil-ghan li jigi accertat li l-poter lilhom moghti qed jigi ezercitat skond u fil-limiti tal-ligi, kemm ordinarja kif ukoll u dik kostituzzjonali.

“Mill-premess ghandu jirrizulta car u manifest li, il-fatt li l-ligi tikkonsidera d-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji bhala finali u li minnhom ma hemmx appell, ma jeskludix il-gurisdizzjoni ta’ dawn il-qrati sabiex jissindikaw l-operat taghha, limitatament kif fuq indikat, u senjatament li din tkun agixxiet *intra vires* il-poteri konferiti lilha, fil-limiti tal-ligi kostituttiva taghha, u li

gew osservati d-drittijiet fundamentali tal-bniedem sanciti mill-Kostituzzjoni (ara wkoll, fl-istess sens, il-kawza "Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Tanti", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2001 u "Direttur Generali tal-Qrati vs Axiaq", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Marzu, 2006).

"Ghar-rigward tal-meritu tal-kaz, din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-kawza, thoss li ghandha taccetta s-sottomissjonijiet tal-attur. Il-kaz kollu tal-konvenut kien idur madwar decizjoni tal-PSC li tinterdixxieh. Dik hi decizjoni, skond il-ligi, mhiex sindikali, u, f'kull kaz, sakemm ma tigix revokata, taghmel stat fil-konfront tal-ufficjal koncernat u trid tigi segwita u kkonsidrata bhala fatt minn kull awtorita` jew tribunal li tkun qed tikkunsidra aspetti mill-impieg tal-ufficjal. Decizjoni tal-PSC tista' tigi attakkata fuq bazi li sar ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna koncernat, jew fuq bazi li ma gewx segwiti l-principji ta' gustizzja naturali, *pero*`, ma tistax tigi mwarba b'mod indirett minn Tribunal ta' kompetenza specjali. Kif intqal fil-kawza "Sammut vs Forace et", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Mejju, 1952, fil-kuntest tal-Bord li Jirregola l-Kera, *"il-gurisdizzjoni tal-Bord statutorjament limitat ghall-kazijiet espressi fil-ligi specjali, u zgur eccezzjonali, m'ghandhiex tigi estiza b'mod li tinvadi l-isferi tal-gurisdizzjoni ta' tribunali ta' gurisdizzjoni generali u ordinarja, kontra kwalunkwe principju li ghandu jirregola l-organizazjoni gudizzjarja"*. It-Tribunal *in kwistjoni* kellu jaccetta bhala stat ta' fatt id-decizjoni tal-PSC, u jiddeciedi l-kaz quddiemu *a bazi* ta' dak il-fatt. Kif inghad, kull min hu milqut hazin b'decizjoni tal-PSC, jista' jattakka dik id-decizjoni fil-Qorti kompetenti u fil-limiti ta' dak permess bil-ligi, *pero*`, jekk jonqos li hekk jagixxi, ma jistax jipprova jattakka l-istess decizjoni fi proceduri ohra u fejn l-istess PSC ma hijiex parti u, allura, ma tistax tiddefendi d-decizjonijiet taghha. Min ma jaqbilx ma decizjoni tal-PSC (ghax din, per ezempju, ma tkunx taghtu smiegh xieraq – jew agixxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront tieghu), irid jadixxi lill-istess Kummissjoni, izda darba li dik id-decizjoni ma tigix attakkata, trid tigi rispettata u mehuda bhala stat ta' fatt (ara, fuq dan, id-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza "Cachia Fearne vs

Segretarju Permanenti fil-Ministeru tar-Rizorzi Umani et", moghtija fl-20 ta' Ottubru, 2005). Ufficcjal pubbliku milqut b'decizjoni tal-PSC, u li ma jattakkax l-istess decizjoni kif trid il-ligi, ma jistax jitlob li Tribunal jew awtorita` twarrab dik id-decizjoni fuq il-bazi li hi *"unfair"* jew *"severa"*.

"It-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji kellu gurisdizzjoni jissindika decisjonijiet amministrattivi f'kaz ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita, *pero*`, ma kellux is-setgha iwarrab decizjonijiet tal-PSC. It-Tribunal seta' jaghti rakkomandazzjonijiet fil-kuntest ta' ufficcjali pubbliku meta l-PSC ma jkunx involva ruhu fil-kaz (ara, per ezempju, il-kaz meritu tal-kawza fl-ismijiet "Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Rizzo", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2003), izda jekk il-PSC ikun ikkunsidra l-kaz u ha d-decizjoni tieghu, dik id-decizjoni, sakemm ma tigix imwarba, torbot idejn kull Tribunal jew Qorti li tkun aditta b'xi aspett tal-impieg ta' ufficjal pubbliku. Altrimenti wiehed ikollu jaccetta li Tribunali jistghu anke jwarbu decizjonijiet ta' dawn il-Qrati jekk iqisuhom *"unfair"* – principju li ma jistax jigi accettat fejn tapplika r-regola tar-*rule of law* u l-principju ta' *stare decisis*.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tal-atturi kif dedotti, u thassar, tirrevoka u tannulla d-decizjoni tat-Tribunal Ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzja moghtija fit-23 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet *"Anthony Brincat vs Direttur Generali tax-Xoghlijiet u s-Segretarju Amministrattiv"* (Rikors 1230/97).

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut."

## II L-appell

3. Il-konvenut appellant hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk appella minnha b'rikors ipprezentat fl-14 ta' Gunju 2006. L-appellant indika erba' aggravji u spjegahom dettaljatament fir-rikors tal-appell tieghu u talab li din il-Qorti joghgobha tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet

tieghu u b'hekk tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellati.

4. L-atturi appellati kkontestaw u opponew l-appell b'risposta pprezentata fis-6 ta' Lulju 2006. Huma wiegbu dettaljatament ghall-aggravji kollha mressqa mill-appellant u sostnew li l-istess motivi ta' gravam mressqa mill-appellant kienu nfondati u ghalhekk talbu li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti tigi dikjarata li hija gusta u tigi kkonfermata.

## III <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

### <u>Il-fatti saljenti li wasslu ghall-kawza</u>

5. Illi fl-1 ta' Dicembru 1994, l-appellant odjern, Anthony Brincat ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fl-ismijiet **Anthony Brincat v. Direttur Generali tax-Xoghlijiet u s-Segretarju Amministrattiv** (Rikors Nru. 1230/97). Fir-rikors tieghu huwa allega li ghall-habta tal-1988 u l-1990 huwa sofra ngustizzja f'li ma inghatax il-possibbilta` illi japplika biex jiehu *promotion*, u dan sar stante li saret diskriminazzjoni u eskluzjoni bi pregudizzju ghalih. Wara li spjega sewwa l-ilment tieghu huwa talab lill-istess Tribunal jaghtih rimedju billi jordna li l-hatra tieghu ta' Technical Officer I ghandha titqies b'effett mis-sena 1988 u li konsegwentement il-grad tieghu fiz-zmien meta huwa intavola r-rikors kien ta' Senior Technical Officer. Huwa talab ukoll illi t-Tribunal jillikwida d-danni sofferti minnu konsistenti fid-differenza tas-salarju dovut lilu skond il-grad u *seniority* relattiva u talab in oltre illi jigi mhallas lilu danni morali u/jew kumpens ta' mhux aktar minn hamest elef Lira Maltin (Lm5,000).

6. L-appellant f'dik il-kawza kien ippremetta illi huwa kien sofra ingustizzja bejn is-sena 1988 u 1990 u dan peress illi kien gie interdett mill-qadi tal-funzjonijiet tieghu permezz ta' ittra datata l-25 ta' April 1988 (a fol. 4 tal-process allegat), liema interdizzjoni tnehhiet f'Lulju 1990, minghajr pregudizzju ghall-proceduri kriminali li kienu ghaddejjin, u f'dan il-perjodu huwa ma kienx inghata l-

opportunita` illi japplika biex jiehu promozzjoni. Mill-proceduri kriminali rrizulta illi l-akkuzi ta' frodi u misapproprjazzjoni ta' fondi pubblici ma kienux gew ippruvati u b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta' Ottubru 1997 il-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Brincat** huwa gie liberat minn kull akkuza (a fol. 8 tal-process allegat);

7. It-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, permezz ta' decizjoni moghtija fit-23 ta' Ottubru 2003, filwaqt illi cahad it-talba tal-appellant li jsir Senior Technical Officer, sab illi l-ilment tal-appellant kien gustifikat u ghalhekk ordna li jithallas rimedju kompensattiv fl-ghoti tal-promozzjoni fl-ammont ta' Lm1,000. Dak it-Tribunal sab, fid-dawl tal-provi li tressqu quddiemu, li l-passi ta' interdizzjoni li ttiehdu fil-konfront ta' Brincat "kienu wisq severa".

8. L-atturi odjerni, appellati f'din l-istanza, qiesu din id-decizjoni tat-Tribunal bhala wahda *ultra vires*, peress li dak it-Tribunal ma kienx igawdi ebda gurisdizzjoni biex jissindika l-initerdizzjoni ta' impjegati pubblici li jkunu ghaddejin proceduri kriminali. Ghalhekk talbu li l-Prim Awla taghmel dikjarazzjoni f'dan is-sens u li thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal.

9. Il-konvenut, l-odjern appellant, ikkontesta din il-pretensjoni tal-atturi b'diversi eccezzjonijiet, li pero` ma gewx milqugha mill-ewwel Qorti, li minflok laqghet it-talbiet tal-atturi ghar-ragunijiet esposti fis-sentenza appellata, li giet aktar 'il fuq riprodotta ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell.

**<u>L-aggravji tal-appellant</u>**

10. Kif diga` ntqal l-appellant ressaq erba' aggravji fil-konfront tas-sentenza appellata. Din il-Qorti sejra tibda biex tikkonsidra l-ewwel aggravji tal-appellant, li jishaq fuq l-improponibbilta` tal-azzjoni odjerna tentata mill-atturi appellati, ghaliex evidentement jekk dan l-aggravju jinstab li hu gustifikat allura din il-Qorti ma jkollhiex ghalfejn tiehu aktar konjizzjoni u tiddeciedi t-tlett aggravji l-ohra tieghu.

11. L-ewwel aggravju tal-appellant jaghmel referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li biha huwa kien eccepixxa hekk:

"Illi l-azzjoni attrici hi improponibbli u improsegwibbli stante li l-atturi rrinunzjaw ghad-dritt tal-impunjattiva galadarba fl-ebda mument fil-proceduri quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma qajmu l-eccezzjoni tal-karenza ta' gurisdizzjoni jew l-eccezzjoni li jekk it-Tribunal jiehu konjizzjoni tal-lanjanzi u/jew jilqa' t-talbiet tal-esponenti jkun qed jagixxi *ultra vires* u bi ksur tal-Kostituzzjoni. Allura mhux legalment permessibbli li titqajjem l-eccezzjoni issa – wara seba' (7) snin li bdew il-proceduri quddiem it-Tribunal, u wara l-konkluzjoni tal-proceduri quddiem it-Tribunal."

12. B'dan l-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni, wara li osservat hekk:

"Fil-kuntest tal-ewwel eccezzjoni sollevata, il-Qorti tqis li l-kompetenza ta' Tribunali appositi hija ta' ordni pubbliku, u *nonostante* l-fatt li l-partijiet ma jkunux issollevaw kwistjonijiet ta' kompetenza quddiem it-Tribunal partikolari, dak it-Tribunal ma jigix radikat b'kompetenza li, fil-fatt, ma jkollux. Kwindi, din il-Qorti tista', u ghandha, tezamina jekk it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzja jkunx ecceda s-setghat specjali moghtija lilu b'ligi *ad hoc* (ara, bhala rifless fuq dan, il-kawza **Mizzi v. Cassar et**, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru 1964 u **Azzopardi General Transport Ltd v. Mifsud**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Ottubru 2005)"

13. L-appellant spjega dan l-ewwel aggravju tieghu, fi kliemu stess hekk:

"L-esponenti [recte: l-esponent] jissottometti bir-rispett li l-kwistjonijiet kollha li jikkoncernaw l-gurisdizzjoni kemm dik tat-Tribunali appoziti kif ukoll dik tal-Qrati ordinarji huma dejjem kwistjonijiet ta' ordni pubbliku. Pero` dan

nonostante dejjem gie ritenut mill-Qrati Maltin illi eccezzjoni dwar gurisdizzjoni titqies li giet rinunzjata mill-parti, jekk ma tigix sollevata *in limine litis.*[1]

"L-ewwel Onorabbli Qorti tikkwota in sostenn tal-konkluzjoni taghha l-kawzi **Mizzi v. Cassar et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Ottubru 1964 u **Azzopardi General Transport Ltd v. Mifsud** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Ottubru 2005, fejn gie ritenut illi kwistjonijiet ta' gurisdizzjoni huma kwistjonijiet ta' ordni pubbliku u l-Qorti ghandha mhux biss id-dritt izda wkoll d-dmir li tissollevaha *ex officio*. Fl-ewwel lok, jigi rilevat bir-rispett, li l-Qorti ma ghandiex dritt jew dmir illimitat li tissolleva kwistjonijiet ta' inkompetenza *ex officio*, ghax dan id-dritt huwa limitat b'dak li jippreskrivi l-Artikolu 774 tal-Kap. 12 u cioe`:

"Fin-nuqqas ta' eccezzjoni ta' inkompetenza, il-Qorti ghandha, *ex officio*, tiddikjara l-inkompetenza taghha –

"(a) meta l-kawza mhix ta' gurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza civili ta' Malta u l-konvenut jew ikun baqa' kontumaci jew ikun assenti rapprezentat fil-kawza minn kuraturi mahtura skond l-Artikolu 929;

"(b) meta, minhabba x-xorta jew il-valur tal-haga li tkun fil-kwistjoni, il-kawza ma tkunx ta' kompetenza ta' dik il-Qorti; jew

"(c) meta f'kawzi ta' zbank ta' depositi, il-flus jew hwejjeg ohra jkunu ddepositati taht l-awtorita` ta' Qorti ohra:

"Izda f'kazijiet imsemmija fil-paragrafu (b), l-eccezzjonijiet ta' inkompetenza ma jistghux jinghataw u lanqas ma jistghu jigu dikjarati *ex officio*, f'Qorti fi grad ta' appell."

"Konsegwentement, meta l-konvenut ma jkunx rapprezentant [recte: rapprezentat] fil-kawza minn kuraturi

---

[1] Ara s-sentenzi citati fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-esponenti u cioe` dawk fl-ismijiet **Antonio Cassar noe. v. Boris Arcidiacono** deciza fil-15 ta' Jannar 1992 mill-Qorti tal-Appell Kummercjali, u **Raymond Micallef noe. v. James Gollcher et noe** deciza fit-8 ta' April 1992 mill-Qorti tal-Appell Kummercjali.

u jkunipprezenta nota tal-eccezzjonijiet, il-Qorti hija prekluza li tissolleva *ex officio* il-kwistjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni taghha. Skond l-Artikolu 774(a) tal-Kap. 12, jekk il-konvenut ma jissollevax il-kwistjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti *in limine* fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, huwa jitqies li rrinunzja ghaliha, u lanqas il-Qorti ma hija awtorizzata li tissolleva l-kwistjoni *ex officio* minkejja l-fatt li din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku. Dan huwa perfettament logiku ghaliex jekk il-konvenut ipprezenta nota tal-eccezzjonijiet huwa l-konvenut li hu mistenni jeccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni u jekk ma jaghmilx hekk jitqies li ssottometta rrevokabilment ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti[2]. Bl-istess mod Qorti fi grad ta' appell ma tistax tissolleva *ex officio* kwistjoni dwar il-kompetenza taghha, f'kazijiet fejn minhabba x-xorta jew il-valur tal-haga li tkun fil-kwistjoni, il-kawza ma tkunx kompetenza ta' dik il-Qorti. Ghalhekk huwa car li l-Kap. 12 mhux biss jippermetti izda f'certi cirkostanzi jimponi illi eccezzjonijiet li jikkoncernaw gurisdizzjoni jitqiesu rinunzjati, u l-Qorti hija anke prekluza milli tissollevahom *ex officio*.

"Fit-tieni lok, l-esponenti mhux qed jikkontesta d-dritt jew id-dmir tal-Qorti li tissolleva kwistjonijiet ta' gurisdizzjoni *ex officio*, ghax fil-kaz odjern it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma ssolleva *ex officio* l-ebda kwistjoni dwar il-gurisdizzjoni tieghu. Fit-tielet lok, il-fatt li l-Qorti ghandha dan id-dritt, ma jfissirx li parti f'kawza fil-Qrati ordinarji tista' ma tissollevax kwistjoni ta' gurisdizzjoni *in limine litis*, ghax tistrieh fuq il-presunzjoni illi l-Qorti ghandha dmir tissolleva kwistjoni ta' gurisdizzjoni *ex officio*, u thalli l-Qorti tiddeciedi l-meritu, biex imbaghad jekk l-ezitu ma jkunx favorevoli ghal dik il-parti, tipprova timpunja s-sentenza fuq il-bazi ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti. Kif diga` gie sottomess izjed 'il fuq, il-Qrati Maltin dejjem insistew li dan m'huwiex konsentit, u li eccezzjoni dwar gurisdizzjoni jekk ma tigix espressament sollevata *in limine litis* titqies li giet rinunzjata u l-konvenut jitqies li ssottometta ruhu rrevokabilment ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti.

[2] **Paul Portelli v. Joseph Portanier Mifsud,** Vol. XLI-iii-1226(14-05-1957)

"L-esponenti jissottometti bir-rispett li dan ghandu japplika bl-istess mod fil-kuntest ta' proceduri quddiem Tribunali Amministrattivi. Konsegwentement, l-esponenti jissottometti illi ladarba l-atturi appellati naqsu li jissollevaw il-kwistjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji *in limine litis*, huma ghandhom jitqiesu li rrinunzjaw ghal dik l-eccezzjoni.

"Ghandu jigi rilevat illi l-kaz odjern mhux wiehed mill-kazijiet fejn qed jigi allegat illi t-Tribunal Amministrattiv agixxa bi ksur tal-poteri moghtija lilu mil-ligi jew bi ksur tal-principji ta' gustizzja naturali fil-mori tal-kawza quddiemu, u allura f'dawk il-kazijiet, il-parti aggravata ma tistax logikament tqajjem il-kwistjoni tan-nuqqas ta' *vires* fil-bidu tal-kawza, u jkollha biss ir-rimedju li titlob stharrig gudizzjarju (*judicial review*) tad-decizjoni tat-Tribunal. Fil-kaz odjern, l-atturi appellati qed jallegaw illi t-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni fil-ligi li jiehu konjizzjoni tal-ilment li l-esponenti ressaq quddiemu.

"Fir-rikors promoter quddiem it-Tribunal, l-esponenti kien issottometta illi *"kif se jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, il-mizura ta' interdizzjoni kienet wahda drastika u sproporzjonata mal-allegazzjonijiet li kienu qeghdin isiru kontra r-rikorrenti … … In oltre, illum il-gurnata wara li r-rikorrent gie gudizzjarjament liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu jidher car li l-interdizzjoni kienet ghal kollox ingustifikata."* Ghalhekk, l-atturi appellati – intimati f'dawk il-proceduri – kienu jafu mill-bidu nett tal-kawza n-natura tal-ilment tal-esponenti. Jekk fl-opinjoni taghhom dan l-ilment ma kienx jaqa' fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal, kien fid-dover taghhom li jissollevaw din il-kwistjoni *in limine litis* quddiem it-Tribunal. Minflok huma ma tkellmu xejn u rribattew l-allegazzjonijiet tal-esponenti fil-meritu, u issa ghax l-ezitu tal-proceduri quddiem it-Tribunal kien sfavorevoli ghalihom, qeghdin jippruvaw jattakkaw id-decizjoni permezz ta' dawn il-proceduri.

"L-esponenti jissottmetti bir-rispett illi ma ghandux jigi konsentit lil xi parti li tuza tali stratagemmi anki fi proceduri

quddiem Tribunal Amministrattiv, kif ma huwiex koncess lil xi parti li tuza tali stratagemmi fi proceduri quddiem il-Qrati ordinarji. Ladarba l-atturi appellati ghazlu li ma jissollevawx il-kwistjoni ta' gurisdizzjoni quddiem it-Tribunal, huma ghandhom jitqiesu li rrinunzjaw ghal tali eccezzjoni."

14. L-atturi appellati kkontestaw dan l-aggravju bhala wiehed infondat, u qalu testwalment hekk:

"Dan l-aggravju jqajjem l-istess kwistjoni gia` sollevata permezz tal-ewwel eccezzjoni tal-appellant.

"F'dan ir-rigward fil-fehma tal-esponenti l-appellant qieghed jonqos milli jiddistingwi bejn il-Qrati illi ghandhom gurisdizzjoni generali izda kompetenza partikolari fi hdan is-sistema gudizzjarju u Tribunali Statutorji illi ghandhom gurisdizzjoni li hija specifika u illi hija cirkoskritta bil-ligi li twaqqaf dawk it-Tribunali u li taht ebda cirkostanza ma jistghu jeccedu dik il-gurisdizzjoni specifika.

"Ghalhekk filwaqt illi huwa ammissibbli u anke normali illi fil-procedura tal-Qrati jkun hemm regola illi tghid illi l-gurisdizzjoni trid titqajjem *in limine litis* jew titqies li giet rinunzjata dan m'huwiex l-istess rigward it-Tribunali Statutorji illi qatt ma jistghu jeccedu l-gurisdizzjoni taghhom moghtija lilhom mil-ligi ghax altrimenti d-decizjonijet taghhom ikunu affetti minn zball ta' ligi u partikolarment minn zball ta' interpretazzjoni tal-ligi li taghtihom il-gurisdizzjoni fuq litigji specifici.

"Ghalhekk l-esponenti jissottomettu illi l-ewwel aggravju imqajjem mill-appellant huwa infondat u ghandu jigi respint."

15. L-appellant isostni illi galadarba l-atturi appellati naqsu li jissollevaw *in limine litis* il-kwistjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni jew ahjar tan-nuqqas ta' setgha tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji li jiehu konjizzjoni u jiddeciedi l-ilment specifiku mressaq quddiemu, allura l-appellati ghandhom jitqiesu li rrinunzjaw ghal dik l-eccezzjoni. U ladarba, implicitament, kienu rrinunzjaw

ghal dik l-eccezzjoni ma kienx proceduralment konsentat lilhom li jipproponu azzjoni quddiem il-Qrati ordinarji biex jimpunjaw id-decizjonijiet ta' tribunali fuq il-motiv li l-ilment kien *ultra vires* il-poteri tal-istess Tribunal.

16. Wara li din il-Qorti hasbet fit-tul fuq il-kwistjoni involuta f'dan l-ewwel aggravju tal-appellant, waslet ghall-konkluzjoni li l-istess aggravju huwa gustifikat u ghalhekk hemm lok li jintlaqa'. Dan ghas-segwenti ragunijiet:

(a) L-argumenti tal-appellant, li gew ripprodotti fil-para. 13 supra, jidher li huma validi u din il-Qorti taqbel sostanzjalment maghhom. Ma thossx in-necessita` li tirripetihom hawn, ghaliex l-appellant esponiehom b'mod logiku u car u kien proprju ghalhekk li din il-Qorti ghazlet li tirriproducihom testwalment.

(b) Ghandu jigi rilevat illi proprjament ir-regola kontenuta fl-Artikolu 774 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tapplika meta l-eccezzjoni tal-inkompetenza tkun tirrigwarda kwistjoni <u>dwar liema minn zewg qrati</u> hi verament il-Qorti kompetenti biex tiehu konjizzjoni u tiddetermina l-meritu tal-kaz. Fil-kaz odjern, il-kwistjoni, ghalkemm tista' wkoll tissejjah, b'mod generali, kwistjoni ta' kompetenza jew gurisdizzjoni, din, fil-verita` ma kienitx kwistjoni ta' kompetenza bejn zewg qrati, izda kienet kwistjoni jekk il-materja tal-ilment devoluta lit-Tribunal <u>kienitx tirrientra fis-setgha jew poter li l-istess Tribunal kellu skond il-ligi specjali li kkostitwietu.</u> Jekk l-atturi odjerni deherilhom li t-Tribunal ma kellux is-setgha li jissindika l-interdizzjonijiet ta' impjegati pubblici, huma jmisshom ssollevaw din il-pregudizzjali proprjament *in limine litis*, jew almenu f'xi stadju iehor, quddiem dak l-istess Tribunal, li certament kellu is-setgha li jiddeciedi eccezzjoni bhal dik. Ftit li xejn ma jaghmel sens – la mil-lat prattiku u lanqas mil-lat procedurali – li l-atturi ma jissollevawx din l-eccezzjoni quddiem it-Tribunal (u b'hekk, implicitament jirrikonoxxu li t-Tribunal kellu s-setgha li jiddeciedi legalment il-kwistjoni devoluta lilu) u wara li "jinhlew" sitt snin biex il-kaz jigi deciz fil-meritu, b'hela ta' rizorsi umani u spejjez legali, l-istess atturi "jindunaw" li l-ilment originali tal-appellant ma kienx

jirrientra fis-setgha tat-Tribunal li jiddecidih u allura jeskogitaw mezz kif jippruvaw jannullaw id-decizjoni tat-Tribunal, billi jirrikorru ghall-azzjoni quddiem l-Qrati Ordinarji ghall-stharrig gudizzjarju.

(c) L-argument espost mill-atturi appellati fir-risposta tal-appell taghhom, u li gie testwalment riprodott fil-para. 14 supra mhux konvincenti ghal din il-Qorti. Dan ghaliex id-distinzjoni li hemm tissemma’, bejn il-Qrati Ordinarji u bejn Tribunali Statutorji, fil-fatt ma hijiex daqstant ta’ min jishaq fuqha ghaliex, bhala regola, la l-Qrati Ordinarji u lanqas it-Tribunali Statutorji ma huma suppost li jeccedu l-gurisdizzjoni taghhom moghtija lilhom mil-ligi. Ghalhekk, id-distinzjoni bejn it-tnejn, rilevata mill-appellati, ma tidhirx wahda konvincenti jew valida.

(d) Fl-ahhar nett, wiehed jista’ jaghmel argument favur it-tezi tal-appellant anke mis-sub-inciz (4) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, li ghalkemm l-azzjoni odjerna mhix ibbazata fuq dan l-artikolu, pero` dan huwa indikattiv ta’ kif kwistjonijiet bhal dawk in ezami ghandhom jigu affrontati. Dan is-sub-inciz jghid hekk:

“(4) Id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu m’ghandhomx japplikaw meta l-mod ta’ kontestazzjoni jew ta’ ksib ta’ rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f’xi ligi ohra”.

Fil-kaz odjern il-“ligi ohra” hija precizament l-Artikolu 15 tal-Att dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji (Kap. 394 tal-Ligijiet ta’ Malta) li jghid hekk:

“15. Bla hsara ghad-desposizzjonijiet ta’ dan l-Att, id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili li ghandhom x’jaqsmu mal-prattika u l-procedura quddiem il-Qorti Civili ghandhom jkunu japplikaw *mutatis mutandis* ghal kull prattika u procedura quddiem it-Tribunal.”

Evidentement, l-atturi appellati kellhom il-possibilta` li jikkontestaw il-“kompetenza” tat-Tribunal, li kieku huma ssollevaw din il-kwistjoni quddiemu, u b’hekk kellhom mod

kif jikkontestaw il-pretensjoni ta' Anthony Brincat quddiem l-istess Tribunal. Ghalhekk anke minn dan il-lat ta' analogija, l-appellant kellu ragun li fl-ewwel eccezzjoni tieghu jissolleva l-improponibbilta` tal-azzjoni odjerna.

17. La l-Qorti waslet ghall-konkluzjon illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa gustifikat, isegwi li l-ewwel eccezzjoni tieghu ghandha tintlaqa' wkoll. F'dawn ic-cirkostanzi ma hemm ebda skop li din il-Qorti tkompli tandaga dwar l-aggravji l-ohra mressqa mill-appellant.

18. Ghal dawn il-motivi:

Tilqa' l-appell fis-sens premess u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellant u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------